**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 18, 183, 184, 293, 294, 308, 309, 310, 532A, 532B u 533**
**tal- Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo P. Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi )**

**vs**

**KONRAD CASSAR**
**(I.D. 376677M)**

**Illum, 6 ta' Ottubru 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat Konrad Cassar detentur tal-karta tal-identita'numru 376677(M)

Gie akkuzat illi f'Novembru 2013 u fix-xhur qabel, f'daw il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra il-ligi jew billi sar uzu ta ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi ntuza qerq iehor, ingann, jew talli giet murija haga b'ohra sabiex jigi mgieghel twemmin ta' ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn € 2,329.37 u cioe cirka ta' € 4,216.13, ghad- detriment ta' Carmelo Abela detentur tal- karta ta' l-identita' numru 588754(M), ai terminu ta' l-artikoli **18, 308, 309 u 310** tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn € 2,329.37 u cioe cirka ta € 4.216.13, ghad-detriment ta' Carmelo Abela detentur tal-karta ta' l-identita' numru 588754(M), ai termini ta' l-artikoli **293 u 294** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu **183** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu **184** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kiser id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 22 Kap 446 billi ikkommetta reat iehor waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl- 4 ta' Marzu 2013;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill- imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti cioe' il-Fedina Penali u Estratt mill-Att tat-Twelid.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef b'mod temporanju u b'digriet iehor tal-Prim Imhallef tal-20 ta' Novembru 2016 sabiex din il-kawza tibqa' tinstema' minnha b'mod permanenti.

**PS 914 Ivan Mifsud** xehed fis-16 ta' Dicembru,2013. Jghid li fis-27 ta' Novembru, ta' dik is-sena ghall-habta tas-2:35 gew Carmelo

Abela bin-numru ta' Karta tal-Identita' 588754(M) u Antonia Scicluna 200756(M) jirrapportaw l-Ghassa tal-Qawra li dawn kienu marru, il-gurnata ta'qabel l-HSBC jiccekkjaw l-account taghhom bin-numru 61193025001 ghax kienu ghamlu xi xahar imsifrin u marru jiccekkjaw il-bilanc u kull ma sabu fih kienet is-somma ta' € 700 u bdew jghidu lil tal-Bank li ma jistax ikun li kien hemm xi zball f'dan l-account. Iccekkjaw u saru jafu li kienu saru xi numru ta' transazzjonijiet waqt li kienu msifrin. Dawn kienu msiefrin bejn it- 22 ta' Ottubru 2013 u rritornaw lura fit- 22 ta' Novembru 2013. L-ghada regghu marru l-Bank u dakinhar li gew jaghmlu r-rapport jigifieri fis-27 ta' Novembru 2013 qalulhom li kienu inhargu numru ta' cekkijiet kollha fuq certu Konrad Cassar li jammontaw ghal € 4216.13. Huma indikaw li kienu jafu lil Konrad Cassar u li huwa kien ikun fil-kumpanija taghhom u qabel ma siefru peress li kellu bzonn imur l-isptar kuljum , Carmelo Abela kien tah ic-cwievet tal-vann tieghu u qallu biex juzah, fih kellu *cheque book* u b'hekk wasal ghall-imputat.

Il-prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud biex jispjega lill-Qorti kif Carmelo Abela kien jaf lil Konrad Cassar. Ix-xhud jghid li Carmelo Abela kien sar jaf lil Konrad Cassar minghand huh li ghandu negozju San Pawl il-Bahar u mbaghad qishom saru hbieb u beda jiehu hsiebu, iwassluh d-Detox, hadu mieghu fuq id-daghjsa, kien ukoll qabdu xi xoghol. Hu fdalu l-vann u l-karozza ghax ma hasibx li kien ha jittradih b'dan il-mod. Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk l-okkorrenza bin-numru 9/V/5454 tat-2013 kientix tieghu u dan ikkonfermaha fl-intier taghha .. Ix-xhud jghid li kien hu li

dahhalha hu u li hi iffirmata minnu ukoll.Din giet esebita u markata bhal Dok. MP1.

**Spettur Maurice Curmi** xehed fis-16 ta' Dicembru,2013. Jghid li fis- 27 ta' Novembru, 2013 ghall-habta tas- 2:30pm certu Carmelo Abela rraporta l-Ghassa tal-Qawra illi bhal ma diga' kien xehed is-Surgent, bejn it-22 t' Ottibru 2013 u t- 22 ta' Novembru,2013 Carmelo Abela kien msiefer u qabel telghaq kien halla l-karozza li kellu ma l-imputat biex ikun jista jaghmel uzu minnha. Carmelo Abela kompla jghid li meta gie lura mis-safar kien mar jiccekja l-Bank l-HSBC tal-Gzira fejn sab li il-bilanc tal-kont li jgib in-numru 61193025001 kien hemm is-somma ta' € 700 biss u dan kompla jghid li zgur kien hemm aktar u ghalhekk meta ndaga sab illi fil-perjodu li kien msiefer xi hadd kien qed johrog ic-cekkijiet mic-cheque book tieghu li b' kollox jammontaw ghal- € 4,216.13.

Dan kompla jghid li xi jiem wara gab kopja minn ghand il-Bank ta' dsatax-il cheque li kien hareg u sab li dawn ic-cekkijiet kollha kienu pagabbli lil certu Konrad Cassar, li huwa l-imputat u li x-xhud qed jaghraf fl-Awla. Ic-*cheque book* l-imputat kien sabu fil-karozza ta' Carmelo Abela u jidher li seta kien Konrad l-imputat li hareg dawn ic-cekkijiet.

Jghid illi meta kien baghat ghal Konrad Cassar inzerta li dan kien gie arrestat mill-Pulizija tal-Qawra minhabba illi kellu xi warrent pendenti minhabba li ma kienx deher il Qorti u ghalhekk wara li tah s-solita twissija, kien interrogah. Dan kien ghazel li ma

jikkonsultax mal- avukat qabel l-interrogatorju u kien bazikament ammetta illi kien hu li hareg dawn ic-cekkijiet wara li sab ic-*cheque book* taht is-*seat* tal-karozza. Dan ghamel hekk minhabba li kien ghamel xi xoghol ghal Carmelo Abela u huh, Raymond Abela, u ma hallsuhx u ddecieda li peress li gietu l-opportunita qal biex jithallas ta' dak kollu li kien dovut lilu minn dawn it-tnejn.

Jghid illi stqarr ukoll li kien hu li ffirma, li ffalsifika l-firma ta' Carmelo Abela fuq dawn ic-cekkijiet u li kien qed immur isarrafhom ghand xi habib tieghu certu Jonathan Spiteri. Hawn ix-xhud jghid li kellem lil Carmelo Abela fejn qallu x' qal l-imputat, u dan Carmelo Abela cahad kategorikament illi kellu xi pendenzi mieghu. Qal ukoll li kien daqxejn urtat mill-fatt illi dan fdah u prova jghinu biex johrog mil-vizzju tad-droga li kellu u minnflok dan tradih. Hu xtaq li jittiehdu passi kontra l-imputat. Fil-fatt ix-xhud jghid li kien resqu fuq arrest.

Huwa esebixxa stqarrija li rrilaxxa l-imputat fejn ghazel li jiffirmaha. Din irrilaxxjaha wara li naghata s-solitu twissija. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, il-firma tieghu u l-firma tas-Surgent Duncan Schembri. Din giet esebita u markata bhala Dok. MC1.

Huwa esebixxa ikoll id-dikjarazzjoni li ffirma l-imputat qabel l-interrogatorju fejn irrinunzja ghad-dritt tal-parir legali qed giet markata bhala Dok. MC2, u esebixxa ukoll l karta tal-identita' tal-imputat li giet markata bhala Dok.MC3

**Audrey Ghigo** xehdet fis-16 ta' Mejju,2014 in rappresentanza tal-HSBC. Hija giet mitluba biex tesebixxi numru ta' cekkijiet mahruga f'isem Konrad Cassar mahruga mill-kont ta'Carmel Abela liema kont igib in-numru 611930125001 u spjegat li tinsab f'pozizzjoni li tesebixxi kopji ta'dawn ic-cekkijiet *cheque images* li l-qorti mmarkat bhala dokument Z.

Hija giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi cekkijiet li hargu bejn it-3 ta' Ottubru,2013 u t-18 ta' Novembru,2013. Spjegat illi dawn ic-cekkijiet li esebiet komplessivament gew markati bhala dokument Z u dawn huma c-cekkijiet kollha li gew prezentati f'dawk iz-zminijiet.

Tghid li giet ukoll mitluba sabiex tesebixxi *specimen signature* ta' Carmel Abela u dan b'referenza ghall-kont in kwistjoni 61193025001. Hija esebiet din l-*ispecimen signature* li l-Qorti immarkat bhala dokument Z1. Uhud minn dawn ic-cekkijiet li hi prezentat fil-fatt gew prezentati l-Bank wara t-18 ta' Novembru, 2013.

**Mark Debono** xehd fil-25 ta'Awissu, 2014. Jghid li ghandu bar gewwa Bugibba u l-bar in kwistjoni jismu 'Monavale Bar'. Stqarr illi huwa jaf lill-imputat odiern bhala Konrad Cassar . Jafu peress li xi tnax-il sena ilu kien jahdem mieghu u jixtieq jghid li s-sena li ghaddiet fis-sena 2013 Konrad kien imur ghandhom bic-cekkijiet li allegatament kienu tal-paga tieghu biex isarrfuhomlu u safejn jaf hu dawn dejjem issarrfu u ma kienx hemm problemi. In segwitu jaf

li kien jigi ghandhom b'cekk iffirmat minn terza persuna li ma kienx jafu, certu Carmelo Abela u talabhom biex isarrfuhulu u huma qalulu li bhala prekawzjoni kienu l-ewwel se jiddepositaw dan ic-cekk u una volta jissarraf kienu lesti li jtuh il-flus.

Muri *photo cheque images* esebiti f'dawn l-atti mahruga allegatament minn certu wiehed Carmelo Abela a favur ta' Konrad Cassar li jinsabu esebiti fl-atti a fol. 7 et sequitur tal- Process u kkonferma li l-imputat effettivament kien mar ghandhom b'diversi cekkijiet u cioe dawk nseriti fl-atti l-kopji taghhom jinsabu a fol. 49, 51, 53, 54, 56, 57, 58, 60, 61, 62, 63, 65 tal-atti.

Jghid li l-ammont globali ta'dawn ic-cekkijiet jammonta ghal € 3,182 u jghid li effetivament huma kienu sarrfu dawn ic-cekkijiet u kienu ghaddewlu s-somma ta' € 3,182. Tnejn minn dawn ic-cekkijiet li jammontaw ghas-somma ta' € 360 kienu bbawnsjaw, ic-cekkijiet gew lura ghandu.

Jghid li effettivament minn l-ammont ta' € 3,182 li huma ghaddew lill-imputat kien hemm zewg cekkijiet fl-ammont ta' € 360 li ma ssarrfux pero apparti dawn il-flejjes ta' € 360 jghid illi l-bank gibed mill-kont taghhom l-ammont globali ta' € 3,182 minus it- € 360 u dan peress illi Carmelo Abela ma kienx awtorizza dawn ic-cekkijiet u ghalhekk hu ihoss li huma gew defrodati l-ammont ta' € 3,182. Mistoqsi min hu Carmelo Abela jghid li ma jafx min hu.

L-ammont ta' € 360 li qal li ma ssarrfux kienu zewg cekkijiet li gew *returned to drawer* fl-ammont ta' € 180 *each*. Huwa esebixxa dawn iz- zewg cekkijiet li gew mmarkati bhala dokument CSH u dok CSH 1.

**Gino Cini** xehed fil- 25 ta' Awwissu, 2014. Jghid illi jahdem bhala *barmen* gewwa l-istabbiliemnt 'Monavale' l-Qawra. Jghid li fil-fatt hu socjo ma' Mark Debono. Hu qed jikkonferma li l-imputat li qed jaghraf prezenti fl-Awla bhala Konrad Cassar kien jmur gewwa l-hanut taghhom l-Qawra u darba minnhom jaf li kien mar b'cekk ghandhom u talabhom biex isarrfuhulu ghaliex ma kellux flus *cash* fuqu u huma qalulu li kienu lesti li jtuh il-flus una volta dan ic-cekk jissarraf u ma kienx hemm problemi u jghid li c-cekk issarraf u ghalhekk tawh il-*cash*. Jghid li fil-fatt ghamlu dan ghall-perjodu ta'zmien ghaliex kien igib diversi cekkijiet u dawn kienu dejjem jissarfuhomlu u darba minnhom huma kienu gew nfurmati mill-Bank of Valletta illi kellhom susspett ta' frodi u ghalhekk ingibdu l-ammont kollu mill-konijtiet taghhom u ghalhekk jghid illi huma spiccaw vitmi ntortament minghajr ma hadu lura dawk il-flejjes li ghaddew lil Konrad. Jghid li Mark Debono l-iktar li kien jiehu kaz dawn ic-cekkijiet.

**Carmelo Abela** xehed fl- 24 ta' Marzu, 2015. Jghid li l-imputat odjern kien jahdem ma' huh Raymond fis-sens li huh kellu hanut u l-imputat kien qed jghinu jirrangah u hu fil-fatt kien taghhom ftit ghodda sabiex jahdmu biha. Fil-fatt jghid illi fis-sajf l-imputat kien

spicca minn ma' huh u mar jghinu f'xi xoghol fid-dghajsa. Kien f' Awwissu tas-sena 2013. Jghid illi huma kellhom dghajsa u kienu johorgu biha u jghid illi fil-fatt l-imputat kien imur jiehu xi medicina d-Detox. Fil-fatt kien tah l-karozza tieghu sabiex ikun jista' jmur malajr. Jghid li f' Awwissu 2013 mbaghad siefer l-Ingilterra u hallielu l-karozza biex ikun jista' jmur x-xoghol biha. Jghid li f'din il-karozza kellu c-*cheque book* fil-fatt kien nsieh hemmhekk u jghid li xi xahrejn wara kien gie u sab illi l-imputat kien sarraf dsatax-il cekk u jghid lid an kien fl-ammont ta' xi haga ta' aktar minn €4,000.

Jghid li in segwitu hu kien mar il-Bank u spjegalu x'gara u l- Bank kien irrifondih dan l-istess ammont. Muri dawn ic-cekkijiet esebiti fl-atti, jghid illi huwa qatt ma hareg dawn ic-cekkijiet f''isem l-imputat ul-firma 'C Abela' fuqhom lanqas mhi tieghu. Jghid li fil-fatt meta nhargu dawn ic-cekkijiet hu lanqas kien hawn Malta. Hu lill-imputat qatt ma kellmu fuq din il-kwistjoni u fil-fatt il-karozza rritornaha billi ta c-cavetta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u mar jigborha minn hemm u fil-fatt jghid ukoll li kellu erba' tickets li hallashom hu ukoll.

Qed jigi muri fol. 55 tal-atti, u mistoqsi jispjega zewg inserts fuq din il-faccata, jghid li mhuwiex f' pozizzjoni. Jghid li l-kont tal-*current account* tieghu huwa mal-HSBC. Ma jistax ikun li hu hareg xi cekkijiet ghax-xoghol li l-imputat ghamel ma huh. Jikkonferma li c-cekkijiet hadhom l-imputat, iffirmahom hu u sarrafhom hu waqt li kien msiefer. Mhuwiex minnu illi dawn ic-cekkijiet hu

harighom lill-imputat ghal xi xoghol li ghamel. Hu kull ma ghamel kien li pprova jghin lill-imputat billi selliflu l-karozza tieghu biex imur jiehu l-medicina biha.

Ikkofnerma li li  kien jiehdu mieghu fuq l-boat Kemmuna u gieli kien jghinu jahsel l-istess boat. Hu qatt ma hareg xi cekkijiet bhala hlas lill-imputat.

**Raymond Abela** xehed fis-16 ta' April, 2015. Jghid  li ghandu *restaurant* Bugibba. L-imputat jafu, ghaliex ghamel xi xoghol ghalieh fir-restaurant tieghu fis-sens li kien ghamillu xi gypsum u affarijiet simili u jghid li effettivament hu kien ihallsu kuljum tax-xoghol li kien ighamillu. Jghid ukoll illi huh Charlie Abela kien tah xi ghodda sabiex jaghmel uzu minnha waqt li kien qed isiru x-xogholijiet fil-propjeta' tieghu. Jaf li meta l-imputat spicca mix-xoghol minn mieghu huh talbu biex jiehdu, biex l-imputat jghinu ftit fuq ix-xoghol fil -boat tieghu u hu daqshekk jaf fuqu. Mistoqsi x' relazzjoni kellu l-imputat ma' huh, jghid li ma jafx.

Jghid illi l-imputat dam jahdem mieghu ghal-perjodu ta' xi xaharejn u dana fis-sena 2013. Jghid li sahansitra meta l-imputat kien jahdem mieghu kien anke jwaslu d-Detox biex jiehu l-medicini tieghu u gieli fil-fatt kien tah karrozza u kien jigih ghax xoghol fit- 3:00 ta' wara nofsinhar minkejja li kienu jibdew x-xoghol fid-9:00. Huwa minnu li xoghol in kwistjoni sar fis-sena 2013. Jekk mhuwiex sejjer zball ix-xhur kienu Mejju u Gunju tas-sena 2013 pero bl- ezatt ma jafx. Jghid li fil-fatt hu l-imputat kien

ihallsu kuljum gieli kien itih €50 u jghidlu le €20 bizzejjed. Jghid li fil-fatt sahansitra lil imputat hadu mieghu anke Sqallija u tah flus biex jixtri rigali ghat-tfal tieghu. M'huwiex minnu li hu kien weghdu li ha jdawwarlu xi Pagero f'ismu. Fil-fatt il- Pagero lanqas hi tieghu. Mhux veru lanqas li hu weghdu li ha jdawwarlu Pagero bhala xi hlas. Dwar dan hu ma jaf xejn.

**Rita Farrugia** xehdet fil-21 ta' Mejju, 2015. Tghid li qed tigi esentata mis-sigriet bankarju taghha u dan peress li hi tahdem gewwa l-HSBC. Tghid illi mir-ricerka li ghamlet irrizulta li kien hemm dsatax-il cheque mahruga mill-kont ta' Carmel Abela kollha favur Konrad Cassar u dawn kollha jammontaw ghal €4,216.13. Esebiet dawn ic-cekkijiet komplessivament li gew markati mill-Qorti bhala dokument Z.

Tghid li sussegwentement irrizulta mill-*account holder* Carmel Abela li hu ma kienx hareg dawn ic-cekkijiet u fil-fatt ma kienx hemm qbil meta huwa ra l-istatements tieghu. Tghid ukoll illi meta l-bank wera lil Carmel Abela ic-*cheque images* fuq il-kompjuter induna li l-firma ma kinitx tieghu u li ma kienx hu li hareg dawn ic-cekkijiet. Pero' cioe' nono stante jghid li originarjament kien gie debitat dan l-ammont. Pero meta l-Bank imbaghad ghamel l-ezercizju tieghu u ra l-firem veru ma kienux jaqblu mar-rekords taghhom huma kreditjawlu l-kont b'dan l-ammont peres li c-cekkijiet in kwistjoni kienu gew kollha msarfa gewwa l-Bank of Valletta ddebitaw l-*general suspense account* illi l-Bank of Valletta ghandu mal-HSBC.

Il-verifiki li tkellmet dwarhom saru minnha. Ghall-ewwel il-klijent Carmel Abela kien mar il-branch gewwa l-Gzira u sussegwentement il-kaz gie moghti lilha bhala Fraud and Investigation Department. Peress li c-cekkijiet inkwistjoni ssarfu kollha gewwa l- Bank of Valletta huma ma setghux jibaghtu ghal min sarrafhom peress li ma ssarfux gewwa l-Bank taghhom l-HSBC u ghalhekk huma baghtu biss ghal Carmel Abela. Anzi tghid li kien gie hu jiccekja l-kont tieghu. Mistoqsi jekk il-Bank of Valletta qattx baghat ghal Konrad Cassar tghid li ma tafx x'ghamel il-Bank of Valletta u lanqas ma taf min hu l-ufficjal inkarigat mill-Bank of Valletta ghax hi mal-HSBC biss ghandha x'taqsam.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2016 gew moqrija l-Artikoli li kienu mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Settembru 2014.

Rat il-verbal taghha tad-29 ta Lulju 2016 ( fol. 135) fejn l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kfi adepbitati fil-konfront tieghu u dan fil-presenza ta l-avuklat difensur tieghu u talab lil din il-Qorti tinnomina kandidat tal-probation sabiex ihejji pre sentenceing report.

Illi fid-29 ta' Lulju, 2016 xehdet **Rebecca Mangion**, impjegata mas-Sedqa. Esebieti rapport mahrug mid-Detox fejn effettivament ittiehed kampjun tal-awrina ta' Konrad Cassar nhar id-dsatax (19) ta' Lulju, 2016. Qalet illi peress illi dan it-test kellu jittiehed taht supervizjoni, Dr. Grech kien dahal ma' Cassar biex jaghti dan il-

kampjun. Effettivament Dr. Grech kien hadlu zewg (2) testijiet u dan sabiex isiru zewg (2) testijiet biex jikkonferma l-prezenza o meno ta' sustanzi lleciti.

Iddikjarat li l-ewwel wiehed sar permezz tal-*front line*, cioe' permezz ta' *sticks* u l-iehor intbaghat il-laboratorju tat-*toxicology*. It-tnejn li huma taw rizultat posittiv ghall-kokaina u eroina. Mit-*toxicology* qalet li Konrad Cassar irrizulta wkoll posittiv ghall-methadone. Ix-xhud esebiet ir-rapporti relattivi li l-Qorti mmarkat komplessivament bhala dokument Z.

Illi fid-29 ta' Lulju, 2016 xehdet ukoll **Sylvia Perry**. Din iddikjarat li taf lill-imputat odjern peress li mar jitlobhom xoghol gewa il-hanut taghhom maghruf bhala c-Chick King il-Mosta. Qalet li effettivament xi sena, sena u nofs ilu beda jahdem maghhom. Iddeskriviet lill-imputat bhala '*hard worker'*, tant li thallih il-hanut u jmexxih hu u ziedet li qatt ma rat xejn hazin minnu u wkoll illi mill-cash qatt ma sabet flus neqsin. Qalet li l-imputat jahdem kwazi disghin (90) siegha fil-gimgha u dejjem mar ghax-xoghol f'kundizzjoni tajba.

Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat jahdem bhala *delivery man* u li qatt ma kellu *accidents* bil-karozzi. Kompliet li hija titlaq mill-hanut fil-hdax ta' billejl (23:00) u hu jaghmel mill-hdax (23:00) sas-saghtejn ta' filghodu (2:00) kuljum wahdu. Qalet li meta Cassar

ikollu bzonn il-flus, dejjem jistaqsiha w dejjem talabha w hi dejjem tatu.

Illi fis-27 ta' Settembru, 2016 xehed il-**Probation Officer Matthew Fleri Soler.** Hu kkonferma li kien gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju, 2016 sabiex ihejji *Pre-Sentencing Report* stante l-ammissjoni tal-imputat. Ix-xhud esebixxa din ir-relazzjoni li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PO. Kompla jghid li jekk wiehed ihares lejn il-fedina penali tas-Sur Cassar isib li huwa nstab hati fuq kazijiet ta' pussess ta' droga kif ukoll ta' serq u mill-intervista li saret kemm mieghu kif ukoll mal-genituri tieghu rrizulta illi huwa jghix taht l-istess saqaf u ghalkemm il-komunikazzjoni ta' bejniethom mhix wahda idoneja jghidu li huma lesti li jissapportjawh f'kollox.

Zied jghid li cio' nonostante jirrizulta li l-imputat huwa indipendenti finanzjarjament u li mis-sena elf, disgha mija u hamsa u disghin (1995) 'l hawn jirrizulta mir-rekords tal-ETC illi l-imputat hadem pjuttost b'mod regolari. Qal ukoll li mill-kuntatt li sar mal-Agenziji fir-rigward tal-problema tad-droga, irrizulta li f'diversi perjodi ta' hajtu huwa prova jaghmel xi haga bis-serjeta' rigward dan l-aspett. L-ahhar tentattiv jirrisali ghas-sena l-ohra. Fil-perjodu bejn l-elfejn u erbatax (2014) u l-elfejn u hmistax (2015) l-imputat beda jsegwi l-programm ta' San Blas, temm b'success is-sezzjoni residenzjali kif ukoll semi residenzjali pero' sfortunatament ma ggradwax ghaliex kien hemm *relapse*. Fil-

prezent jinsab fil-Caritas tax-shelter u ghalhekk fil-prezent jghix hemm u dan peress illi ftit ilu kellu *relapse*. Qal li l-imputat stess ha din l-inizjattiva.

Kompla jixhed li l-hajja socjali tal-imputat iddur hafna mal-kuntatt li huwa ghandu ma' wliedu, pero' zied li jehtieg ukoll li huwa jkompli jahdem sabiex jistruttura hajtu. Rigward il-pjan ta' kura gie nnutat li huwa ghandu jibni fuq it-tajjeb li ghamel fil-programm u li ghalkemm ma ggradwax huwa zied l-istabbilta' bl-aspetti ohra ta' hajtu. Fil-fehma tal-ufficjal dan ghandu jerga' jibda jsegwi programm residenzjali. Minbarra l-pjan ta' kura gie nnutat illi r-reati in kwistjoni li huwa ghamel gew kommessi ftit wara li huwa nghata l-liberta' kondizzjonata u ghalhekk huwa rrakkomandat sabiex l-imputat jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha u dan bil-possibilta' li huwa jsegwi l-programm fejn hawn kmamar tar-riabilitazzjoni possibbli.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena l-Qorti nnotat l-ammissjoi tal-imputat kif registrata fl-atti pero' innotat ukoll illi huwa ghandu Fedina penali riflettarja fis-sens li diga ghandu sitt (6) *convictions* registrati fuqha fejn instab hati ta' diversi akkuzi ta' serq, pussess ta' droga u reati kontra l-ordinanza tat-taffiku. Il-Qorti nnotat ukoll li l-imputat gie akkuzat li kkommeta dawn ir-reati waqt *conditional discharge* moghtija lilu nhar l-4 ta' Marzu 2013 ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll illi r-rizultat tat-test

tal-awrina mehud fid-detox ta rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga. Rat li l-imputat ma ggradwax mill-programm ta' ri-abilitazzjoni li kien beda u li l-istess Probation Officer issuggerixxa li l-imputat jaghmel programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema akuta ta' pussess ta' droga li huwa ghandu.

Illi l-Qorti innotat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu impjieg fiss, relazzjoni tajba ma' wliedu, jghix mal-ġenituri tieghu li huma lesti li jaghtuh is-*support* li ghandu bzonn minkejja li ma jitkellimx wisq maghhom.

Il-Qorti rat li f'dan il-kaz l-imputat mhuwiex kandidat idoneju ghal Probation stante li diga' inghata din l-opportunita' u m'gharafx jisfruttaha. Il-Qorti ma tistax tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza ghaliex hija impeduta li taghmel hekk bil-ligi skond l-Artikolu 28A (7) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat li m'ghandux mezzi finanzjarji tajba tant li lanqas lill-vittma ma jirrizulta li kkumpensa u ghalhekk fic-cirkostanzi il-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' **Artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 308, 309, 310, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputat KONRAD CASSAR hati fuq l-ammissjoni tieghu stess u tiddeciEdi li tikkundannah prignuerija ta' sentejn (2) effettivi.**

**B'dan illi taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jassisti lill-imputat fil-problema li huwa ghandu ta' abbuz u pussess ta' droga u dan bil-ghan li jaghmel programm residenzjali una volta jigi *assessed* u jigi stabbilit li l-imputat huwa lest ghalih.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**